MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Numru 886/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

Etienne Farrugia
Helmut Gert Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati Etienne Farrugia u Helmut Gert Farrugia ta' karta ta' identita' numru 15478(M) u 280190(M) rispettivament, akkuzati:

1. li l-14 ta' Gunju 2002 u fix-xhur precedenti, fl-Imsida u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmuln fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifikaw ceduli jew dokumenti ohra illi meta jigu

ppresentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jigbor depositu jew rahan minn bank jew stabbiliment iehor pubbliku –bi ksur ta' l-Artikolu 18 u 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2 li fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn dawn id-dokumenti falsifikati – bi ksur ta' l-Artikolu 18 u 169 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. li fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew tibdil fl-iskritturi jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw – bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. li fl-istess cirkustanzi xjentement ghamlu uzu minn tali skritturi – bi ksur ta' l-Artikolu 18 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. li fl-istess cirkustanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ittantaw ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm1000 bi hsara tas-socjeta' HSBC Ltd u ohrajn u dan billi ppruvaw jizbankaw flus minn kont bankarju tal-mejjet Carmelo Pace mill-fergha tal-bank HSBC ta' l-Imsida liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom – bi ksur ta' l-Artikolu 18, 41(1)(a), 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-imputati huma akkuzati b'falsifikazzjoni ta' dokumenti ai termini ta' l-Artikolu 167 u 183 tal-Kap 9, bl-uzu xjenti ta' l-istess ai termini ta' l-Artikolu 169 u 184, u bl-offiza ta' attentat ta' truffa aggravata ai termini ta' l-Artikolu 308, 309, 310 (1)(a).

Il-fatti li taw lok ghall-akkuza huma fil-qosor li l-imputati fid-data imputata lilhom fl-akkuza kienu ftehmu u marru l-fergha tal-Imsida tal-HSBC bl-intenzjoni li jisbankaw l-ammont tal-flus kollha li kienu jinsabu depositati f'kont intestat f'isem ta' Carmelo Pace gia' parti u principal tad-dar tal-anzjani maghrufa WSSA tal-Blata l-Bajda.

Issa bhala fatti pruvati hemm: li wiehed mill-imputati cioe' Etienne Farrugia kien impjegat tal-istess bank u fil-perjodu inkriminat kien qieghed sospiz in virtu' ta' xi passi dixxiplinarji li kienu ttiehdu kontra tieghu mill-bank; li l-kont bankarju kien effettivament jezisti u ntestat f'isem l-imsemmi Carmelo Pace u kien fih Lm2565; li pero' dan Pace kien ilu li miet cirka tlett snin u nofs precisament mit-28 ta' Jannar 1999; li l-imputati kienu sservew b'prokura datata sussegwenti ghall-mewt ta' Pace u b'firma allegatament tieghu flimkien mal-licenzja tas-sewqan tieghu sabiex jattwaw l-pjan taghhom li jisbankaw il-flus.

Minn dawn il-fatti pruvati m'hemm ebda dubbju dwar li l-prokura hija falza u lanqas mill-provi m'hemm xi dubbju li l-imputati ttentaw jisservew bil-prokura biex jisbankaw id-depositu bankarju. Jirrisulta fic-car li dan sar miz-zewg imputati permezz ta' l-imputat Helmut Farrugia li favur tieghu kienet saret il-prokura u li , kif ammess minnu nnifsu, kien ukoll iffirma fuq il-prokura anka jekk fuq l-ahhar pagna biss. Li ma jirrisultax car hu minn fost iz-zewg imputati ghamel l-falsifikazzjoni fuq il-prokura kemm tal-firma ta' Pace u kemm tan-Nutar Lia, ghalkemm, mic-

cirkostanzi tal-kaz, fid-dawl tal-aktar verosimili, din il-Qorti waslet f’konvinciment li l-ideja ghat-twettiq ta’ dan ir-reat kienet eskogitata mill-imutat Etienne Farrugia u anka l-preparattivi saru fuq inizjattiva tieghu biss b’dan li fil-fehma tal-Qorti m’ghandux ikun hemm dubbju li dan l-imutat agixxa xjentement. Izda dan m’ghandux bhala segwitu ifisser li l-imputat Helmut Farrugia hu esenti minn htija stante, kif issottometta l-abbli difensur tieghu, ma jirrisultax fil-konfront tieghi li ma agixxiex xjentement. Din il-Qorti tifhem li l-kelma ‘xjentement’ tfisser mhux biss li persuna tkun taf pero’ wkoll li persuna setghat jew imissha kienet taf. U din ta’ l-ahhar tassumi riljev rilevanti fi kliemu stess, riprodott mill-istqarrija tieghu, u mkien kontradett, meta jghid “hu qalli li kollox sew, hu qalli li kellu hbieb il-Bank. Jien ried nigbor flusi”, li jindikaw, jekk xejn, li dan l-imputat ghalaq ghajnejh u kien biss jimpurtah li jigbor flusu, ‘dato ma non concesso’ li dan kien verament dovuti.

‘De lege condendla’ il-falsifikazzjoni li biha l-imputati huma akkuzati hija kemm dik materjali u kemm dik idjologika. Il-Prof. Mamo jghid jghid in propositu li “in two ways..may in general a forgery be committed: either by making in whole or in part a flase document (counterfeiting), or by altering a genuine document”. Fil-kaz in dizamina ghandha l-falsifikazzjoni in parti ta’ dokument, appuntu l-prokura (dokument pubbliku), permezz tal-appendici tal-firem foloz fuqha, fatt li jgib ukoll it-truffa filwaqt li d-dokument gie presentat u b’mod li kien qieghed jinganna lil minn kien gie kkonsenjat. Fil-kaz in kwistjoni dan ma kellux esitu posittiv billi nkixxef l-ingann qabel ma gie attwat.

Illi f’dan il-kaz il-Qorti m’ghandhiex dubbju li jissustu kontra l-imputati r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 167 (falz materjali), fl-Artikolu 169 (l-uzu xjenti), u fl-Artikolu 41, 308, 310(1)(a) ilkoll tal-Kap 9.

Taqta u tiddeciedi ghalhekk li ssib l-imputati hatja tal-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza. Rat l-artikoli appena citati flimkien mal-artikolu 17 tal-Kap 9 u tiddecidi li tikkundanna l-imputati ghal perjodu ta’ prigunerija kull wiehed ta’ sena li izda ser tissospendihom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-imsemmi Kap 9 f’kaz biss li l-imputati ma jikkomettux

reat iehor punibbli bi prigunerija ghall-perjodu ta’ sentejn mill-lum.

Il-Qorti fissret lill-imputati r-responsibbilitajiet taghhom naxxenti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------